MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 104/2005/1

**Joachim Calleja u Carmelina Calleja**
**mart l-istess Joachim Calleja.**

**v.**

**Gopal Chander u Anusuya Chander mart l-istess**
**Gopal Chander.**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI,**

B’citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta’ Jannar 2005 gie premess illi l-atturi huma l-proprjetarji tal-fond bin-numru mija u tlieta u tletin (133), Saint Anthony Street, Bugibba, San Pawl il-Bahar, liema fond huwa sovrapost ghall-fond tal-konvenuti bin-numru mija u erbgha u tletin (134) fl-istess triq; illi l-imsemmi fond ta’ l-atturi jgawdi s-servitu` ta’ twieqi fuq l-imsemmi fond tal-konvenuti, kif anke jirrizulta mill-kuntratt ta’ akkwist ta’ l-atturi datat ghoxrin ta’ Gunju elf disa’ mija u disgha u sebghin (20-6-1979) fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Spiteri (Dok. “A”); illi din is-servitu` tikkonsisti fit-tgawdija ta’ dawl, ventilazzjoni u prospett minn tliet twieqi li jaghtu fuq in-naha tal-Lvant u minn tieqa ohra li taghti fuq in-naha tan-Nofsinhar; illi l-imsemmija tliet twieqi fuq in-naha tal-Lvant kienu jaghtu ghal fuq bitha tal-fond tal-konvenuti, liema bitha giet imsaqqfa mill-istess konvenuti b’mod illi t-tgawdija ta’ l-imsemmija servitu` giet serjament ridotta u pregudikata, partikolarment billi t-tisqif tal-bitha ghamilha possibbli li persuni jaccedu liberament mill-fond tal-konvenuti ghall-imsemmija twieqi tal-fond ta’ l-attur u jharsu gewwa l-istess fond ta’ l-atturi bil-konsegwenza li l-fond ta’ l-atturi jsofri prospett abbusiv, u inoltre l-istess tisqif holoq problemi serji ta’ sigurta` stante li l-fond ta’ l-atturi gie espost ghall-perikolu ta’ ingress mill-fond tal-konvenuti; illi in segwitu ghall-ilmenti (Dok. “B” u “C”) u trattattivi li saru mal-konvenuti, il-konvenuti erigew hajt fuq parti mill-imsemmi saqaf illi fired din il-parti mill-kumplament tal-bejt tal-fond tal-konvenuti, u dan b’mod illi gew effettivament eliminati kemm il-problema ta’ access, prospett u nuqqas ta’ privatezza kif ukoll il-perikolu ta’ ingress mill-fond tal-konvenuti fuq imsemmija; illi f’xi zmien wara d-dsatax ta’ Dicembru elfejn u erbgha (19-12-2004), il-konvenuti, bil-vjolenza u bil-mohbi, iddemolew dan il-hajt u b’hekk regghu esponew il-fond ta’ l-atturi ghal fuq imsemmija problema ta’ access, prospett u nuqqas ta’ privatezza u perikolu ta’ ingress, u konsegwentement irriducew u ppregudikaw serjament it-tgawdija tas-servitu` tal-fond ta’ l-atturi fuq imsemmija; illi bl-imsemmi agir abbuziv taghhom, il-konvenuti kkommettew spoll fill-konfront ta’ l-atturi; dan premess l-atturi talbu li dik il-Qorti:-

1. Tiddikjara li l-konvenuti kkommettew spoll fil-konfront ta’ l-atturi billi ddemolew l-imsemmi hajt illi kien jifred il-parti tas-saqaf tal-bitha tal-fond tal-konvenuti li fuqha jaghtu t-tliet twieqi fuq imsemmija mill-kumplament tal-bejt tal-fond tal-konvenuti;

2. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss, jirreintegraw lill-atturi fil-pussess li kienu jgawdu qabel ma’ l-istess konvenuti kkommettew l-ispoll billi jergghu jibnu l-imsemmija hajt kif u fejn kien qabel ma ddemmolewh, u dan taht id-direzzjoni ta’ periti nominandi jew taht kull provediment li jidhrilha xieraq din il-Qorti; u

3. Fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi illi jaghmlu l-imsemmija xoghlijiet ta’ rispristinu huma a spejjez tal-konvenuti u dan taht id-direzzjoni ta’ periti nominandi jew taht kull provvediment li jidhrilha xieraq din il-Qorti.

B’rizerva ta’ kull azzjoni ohra spettanti lill-atturi u bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

B’nota datata 2 ta’ Mejju 2005 il-konvenuti eccepew:-
“1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt stante illi ma jezistux l-elementi kostituttivi kollha ta’ l-azzjoni ta’ spoll vantat mill-atturi.

“2. Illi l-atturi jridu jippruvaw illi kellhom il-possesso di fatto ta’ l-imsemmi hajt altrimenti l-azzjoni taghhom ma tistax tirnexxi.

“3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-agir tal-konvenuti ma jammontax ghal spoll.

“4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.”

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza moghtija fit-28 ta’ Frar, 2008 meta laqghat l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u konsegwentement cahdet it-

talbiet attrici bhala infondati bl-ispejjez kontra l-atturi u dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Illi l-azzjoni odjerna hija wahda ta’ spoll ai termini tal-Artikolu 534 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“Illi skond l-istess artikolu, u a bazi ta’ gurisprudenza kostanti huwa risaput li l-elementi vitali ta’ din l-azzjoni li l-attur jehtieglu jipprova huma s-segwenti:-

(i) Possedisse
(ii) Spoliatum fuisse
(iii) Infra bimestre deduxisse

“Illi dan gie rilevat f’diversi sentenzi fosthom “Margherita Fenech vs Pawla Zammit” (12-4-1958) vol. XLII D.11. 973); “Caterina armla Galea vs Joseph Vella” (23-6-1965 per Onor. Dr. Edoardo Magri) u “Joseph Vella pro et noe vs Salvu Micallef” (30-4-1991 JSP) u ssir riferenza ghall-istess sentenzi u dawk fl-ismijiet “Natalino u Marie Josette konjugi Agius vs Antonia Said” (13 ta’ Jannar 1999) u “Joseph Mary Debono et vs Dr. Tanya Sciberras Camilleri et noe” (29 ta’ April 1999) “Fino & Sons Limited vs Marketing and Consultancy Limited” (1 ta’ Lulju 1999), “Carmelo Mifsud vs Guseppi Schembri” (25 ta’ Ottubru 2000), u “Mark Napier vs Andre Bianchi” (26 ta’ April 2001) fejn gie ezaminat fid-dettal ir-rekwiziti ta’ din l-azzjoni.

“Illi fuq l-iskorta tal-gurisprudenza kostanti pronuncjata jirrizulta li “materja ta’ din l-azzjoni, ma taghtix lok ghall-ebda ndagini ohra barra dik li tistabilixxi: (a) il-fatt tal-pussess/detenzjoni u (b) il-fatt tal-ispoll … … stante li din l-indagini hija wahda limitatissima rigoruza u skarna”. (“Carlo sive Charles Cardona et vs Francesco Tabone” - A.C. 9 ta’ Marzu 1992).

“Illi ghalhekk fil-fatt inghad illi “din l-azzjoni ta’ spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba stat ta’ fatt, arbitrarjament u hija ntiza unikament biex igieghel lill-konvenut li jerga’ jqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha, u

daqshekk biss - kif jghid bl-iktar mod car l-artikolu 791 (1), Kapitolu 12, li sfortunatament jigi hafna drabi njorat".

"Illi f'dan il-kuntest il-pussess mehtieg huwa dak materjali u "de facto" tant li gie ritenut ukoll li:-

"hu maghruf illi l-pussess mehtieg hu dak materjali u 'de facto', ikun x'ikun, u mhux mehtieg il-prova li l-attur ghandu dritt ta' propjeta' jew ta' servitu' fuq il-haga li minnha huwa gie spoljat bi vjolenza jew klandestinament. Anzi hemm ir-rekwizit tal-pussess anki meta dak li hu spoljat ghandu semplici detenzjoni". ("Kaptan Stefano Xuereb vs Nobbli Charles Sant Fournier" - (A.C. 12 ta' Dicembru 1952) ghalkemm tali pussess m'ghandux ikun inekwivoku, anzi ghandu jirrizulta li huwa manifest u dan fih innifsu huwa stat ta' fatt "Gio Maria Tonna vs Giuseppi Maria Tonna" - (P.A. 21 ta' Frar 1983) u "Marthese Borg vs George Borg" - (25 ta' Frar 1983), u mhux wiehed ta' mera tolleranza "Joseph Vella Gatt nomine vs Joseph Camilleri - (A.C. 26 ta' Jannar 1996).

"Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jirrizulta li l-atturi qed jallegaw li bhala proprjetarji tal-fond 133, Saint Anthony Street, Bugibba, huma jgawdu wkoll fuq il-fond sottostante numru 134, Saint Anthony Street, Bugibba, servitu` ta' twieqi u partikolarment saret riferenza ghall-tlett twieqi fuq in-naha tal-lvant li jaghtu fuq il-bitha tal-konvenut.

"Illi jirrizulta li l-istess bitha fejn hemm dawn it-twieqi giet imsaqqfa fejn qed issir allegazzjoni li bil-bini tal-istess saqaf l-istess servitu' giet pregudikata u li b'konsegwenza ta' l-istess giet ukoll mahluqa problema ta' sigurta' ghall-istess atturi, billi persuni jistghu jitilghu fuq l-istess saqaf u jaccedu ghall-fond tal-atturi; ghalhekk l-atturi sostnew li kienu saru trattativi bejn il-partijiet u l-konvenuti tellghu hajt fuq parti tas-saqaf li jifred parti mis-saqaf mill-kumplament tal-bejt tal-konvenuti, b'mod li l-atturi jghidu li giet eliminata l-problema ta' access u sigurta', izda fid-19 ta' Dicembru 2004, il-konvenuti nehhew l-istess hajt u b'hekk skond l-atturi regghet inholqot l-istess problemi ta' access, prospett u nuqqas ta' privatezza u perikolu ta'

ingress lill-atturi, kif minnhom spjegat fic-citazzjoni attrici u ghalhekk l-atturi qed jikkontendu li t-tnehhija ta' dan il-hajt jikkostitwixxi spoll ghad-dannu taghhom bil-konsegwenti talbiet attrici sabiex jigi mill-gdid mibni l-istess hajt.

"Illi l-eccezzjoni tal-konvenuti hija fis-sens li ma hemmx l-elementi ta' spoll u in partikolari li l-atturi qatt ma kellhom il-pussess tal-hajt in kwistjoni.

"Illi fil-fatt jirrizulta mis-set ritratti esebiti bhala Dok. "JC7" kif sar is-saqaf u kif kien il-hajt li sar mill-konvenuti fuq l-istess bejt mertu tal-kawza odjerna (it-tielet ritratt – f'Dok. X1" – li saret riferenza ghalih fix-xhieda tal-Perit Joseph Camilleri – 14 ta' Ottubru 2005), liema hajt tnehha mill-konvenuti u b'hekk saret il-kawza odjerna.

"Illi jirrizulta li kienu l-konvenuti li bnew l-istess hajt, izda wara saru ilmenti mill-atturi li tali saqaf kien qed izomm l-ilma u l-konvenuti fil-fatt regghu nehhew dan il-hajt u dan sabiex tigi evitata li ssir hsara ghaz-zewg partijiet fil-kawza (affidavit tal-konvenut – fol 55).

"Illi din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti l-atturi qatt ma kellhom pussess tal-istess hajt, u fil-fatt dan inbena fuq is-saqaf tal-konvenuti u sar kollox a spejjez taghhom; ma jirrizultax lanqas li l-istess atturi kienu b'xi mod involuti fil-bini tal-istess hajt; ghalkemm jidher li l-atturi qed isostnu li huma qabblu mal-bini tal-istess hajt – il-konvenut min-naha l-ohra jikkontradixxi dan billi jghid li tali hajt bnieh buona grazzja tieghu u mhux konsegwenti ghal xi ftehim bejn il-partijiet. F'dan is-sens is-sitwazzjoni hija ben deskritta fl-affidavit tal-konvenut u jidher li l-konvenut kellu kontroll assolut tal-istess saqaf u tal-hajt li kien hemm, tant li fil-mori tal-kawza jidher li sar hajt iehor dejjem mill-istess konvenut, ghalkemm l-atturi jghidu li dan il-hajt lanqas huwa ghas-sodisfazzjoni taghhom ghar-ragunijiet minnhom spejgati fin-nota ta' osservazzjonijiet.

"Illi ghalhekk wara li din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha prodotti thoss li mill-atti tal-kawza ma jirrizultax li l-istess atturi qatt kellhom xi access ghall-istess hajt u b'hekk l-atturi naqqsu li jippruvaw li huma kellhom

pussess tal-istess hajt, u dan meta l-oneru ta’ prova dwar l-istess kien jinkombi lilhom (“Julie Mazzitelli et vs Charles Spiteri et” - A. C. 27 ta’ Frar 2003) u la darba dan huwa l-kaz “ma jistax ikun hemm spoll jekk il-parti aggravata qatt ma kellha l-pussess tal-haga li minnha allegatament giet spoljata”.

“Illi ghalhekk minhabba dak premess jirrizulta li wiehed mill-elementi ta’ azzjoni ta’ spoll huma mankanti u dan huwa l-element ta’ pussess u la darba dan huwa l-kaz l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu michuda.”

**L-appell ta’ l-atturi.**

L-atturi hasssew ruhhom aggravati bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b’rikors intavolat fit-18 ta’ Marzu, 2008, talbu li din il-Qorti jghogobha tirrevoka s-sentenza appellata, tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti appellati u tilqa’ t-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati.

Il-konvenuti appellati intavolaw risposta fit-30 ta’ April, 2008 fejn talbu li din il-Qorti tikkonferma fl-intier taghha s-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellanti.

**L-aggravji tal-atturi appellanti.**

Minn qari akkurat tar-rikors ta’ l-appell jidher li l-aggravju principali tal-attur jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel Qorti tat interpretazzjoni hazina tal-element tal-pussess mehtieg biex jirradika l-azzjoni ta’ spoll. Dan billi l-atturi jikkontendu, kuntrarjament ghal dak li rriteniet l-ewwel Qorti, li huma kellhom pussess tal-hajt li gie kostruwit mill-konvenuti fuq is-saqaf tal-bitha taghhom billi dan kien gie inalzat proprju fuq rikjesta tal-istess atturi u wara trattativi u sabiex is-servitu` ta’ dawl, arja u prospett li kienu jgawdu minn tlett twieqi li kienu jghatu ghal fuq l-imsemmija bitha, ma tigix pregudikata u menomata. In sintezi l-atturi jikkontendu li l-hajt kien gie kostruwit mill-konvenuti biex

jitwarrab il-perikolu ghall-istess atturi li inholoq bit-tisqif tal-imsemmija bitha billi dan is-saqaf jinsab ftit pidi mill-livell tat-twieqi tal-attur u konsegwentement persuni li facilment kellhom access ghal dan is-saqaf setghu jharsu fil-proprjeta` tal-atturi u anke jaccedu ghaliha minghajr diffikulta`.

Il-konvenuti jikkontendu, u f'dan inghataw ragun mill-ewwel Qorti, li l-atturi qatt ma kellhom pussess ta' dan il-hajt billi inbena mill-istess konvenuti bil-bona volonta` taghhom u a spejjez u fuq proprjeta` taghhom. Il-konvenuti jikkontendu ghalhekk li la inalzawh huma, huma dejjem kellhom d-dritt li jnehhuh. Inoltre l-istess konvenuti ikomplu jghidu li fi kwalunkwe kaz l-istess hajt tnehha fuq talba tal-atturi billi dawn kienu qed jallegaw li minhabba dan il-hajt is-saqaf tal-bitha kien qed izomm l-ilma u kien ser jaghmel hsara lill-proprjeta` taghhom.

**Ikkunsidrat:**

L-azzjoni odjerna, li hija wahda ta' spoll privileggjat, u fejn jidher li l-uniku element li gie dibattut kien dak tal-pussess tal-atturi, hija limitata ghat-tnehhija ta' dan il-hajt li kienu tellghu l-konvenuti fuq is-saqaf tal-bitha mibni minnhom.

L-ewwel Qorti, wara li ghamlet analizi tal-azzjoni ta' spoll u tas-sitwazzjoni li kienet tinsab quddiemha ikkonkludiet hekk:
"Illi jirrizulta li kienu l-konvenuti li bnew l-istess hajt, izda wara saru ilmenti mill-atturi li tali saqaf kien qed izomm l-ilma u l-konvenuti fil-fatt regghu nehhew dan il-hajt u dan sabiex tigi evitata li ssir hsara ghaz-zewg partijiet fil-kawza (affidavit tal-konvenut – fol 55).

"Illi din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti l-atturi qatt ma kellhom pussess tal-istess hajt, u fil-fatt dan inbena fuq is-saqaf tal-konvenuti u sar kollox a spejjez taghhom; ma jirrizultax lanqas li l-istess atturi kienu b'xi mod involuti fil-bini tal-istess hajt; ghalkemm jidher li l-atturi qed isostnu li huma qabblu mal-bini tal-istess hajt – il-konvenut min-naha l-ohra jikkontradixxi dan billi jghid li tali hajt bnieh buona grazzja tieghu u mhux konsegwenti ghal xi ftehim

bejn il-partijiet. F’dan is-sens is-sitwazzjoni hija ben deskritta fl-affidavit tal-konvenut u jidher li l-konvenut kellu kontroll assolut tal-istess saqaf u tal-hajt li kien hemm, tant li fil-mori tal-kawza jidher li sar hajt iehor dejjem mill-istess konvenut, ghalkemm l-atturi jghidu li dan il-hajt lanqas huwa ghas-sodisfazzjoni taghhom ghar-ragunijiet minnhom spejgati fin-nota ta’ osservazzjonijiet.”

Kien ghalhekk li dk il-Qorti cahdet it-talbiet attrici.

**Ikkunsidrat:**

Qabel xejn ghandu jigi rilevat li, kuntrarjament ghal dak li xhed il-konvenut fl-affidavit tieghu [fol 55 tal-process], jidher li l-kostruzzjoni tal-hajt in kwistjoni gie instigat mill-atturi. Infatti f’ittra mibghuta minn Dr Anton Calleja fl-10 ta’ Gunju, 2003 lill-konvenut jinghad espressament hekk:
“Reference is made to the two meetings that we have had in the past months, whereby you had agreed and promised (a) to provide us with the necessary guarantees and warranties that the structural alterations shall not cause any damage to our property and that such sturctural alteraltions will not in any way effect the potential development of our property into 3 or 4 apartments; and (b) <u>the putting up of a wall at the edge of the area which was previously an internal yard, but which was recently roofed</u>.” [sottolinear ta’ din il-Qorti]

Fl-istess ittra l-konvenut gie infrmat li fin-nuqqas li jaghmel dak li kien obbliga ruhu li jaghmel ser jittiehdu proceduri bil-Qorti.

Billi l-konvenut naqas milli jottempera ruhu ma’ dak rikjest fl-ittra hawn fuq imsemmija l-atturi intavolaw protest gudizzjarju fis-17 ta’ Lulju, 2003 kontra l-konvenuti fejn fost affarijiet ohra irrilevaw “*Illi, in oltre u minghajr pregudizzju ghall-premess, tali tibdiliet u innovazzjonijiet u kostruzzjonijiet fil-fond tal-intimat, <u>specjalment il-kostruzzjonijiet li permezz taghhom giet imsaqqfa pratikament il-bitha kollha waslet ghal sitwazzjoni fejn is-saqaf ta’ dawn il-kmamar gew tant vicin ghat-twieqi tal-</u>*

*__protestanti, li tippermetti facilment l-ingress fil-fond tal-protestanti.__*" [sottolinear ta' din il-Qorti].

Oltre dan jidher li l-atturi ghamlu rapport lill-Awtorita` tal-Ippjanar dwar ix-xoghlijiet li kienu qed isiru mill-konvenuti bla permess fejn irrilevaw, fost affarijiet ohra li "*The said development and the proposed conversion of the ground floor residence into a restaurant will effect our clients' detrimentally* *__and has also rendered our clients' property inhabitable__* [recte: uninhabitable] *__for various reasons including the lack of security, and the ease for third parties to break into our clients' property.__*"

Wara dan ir-rapport harget Enforcement Notice kontra l-konvenuti biex ma jkomplux isiru x-xoghlijiet in kwistjoni. Kien wara dawn il-passi li l-konvenuti hassew il-htiega li jinalzaw il-hajt mertu tal-kawza u li kienu qablu dwaru fix-xhur ta' qabel l-ittra tal-Avukat Dottor Anton Calleja tal-10 ta' Gunju, 2003 fejn dak li nghad ma giex zmentit mill-konvenuti.

Minn dan kollu jidher altru car li ghalkemm il-hajt inbena, kif isostni l-konvenut, fuq il-proprjeta` tal-konvenut u a spejjez tieghu u anke taht id-direzzjoni tieghu, certament dan il-hajt inbena billi kien intlahaq ftehim bejn il-partijiet, kif jinghad fl-ittra ta' Dr Calleja tal-10 ta' Gunju, 2003 (fol. 9), wara li nhasset il-htiega li l-proprjeta` ta' l-atturi kellha tigi salvagwardata minhabba l-perikolu li kien inholoq bil-kostruzzjoni tas-saqaf fil-bitha tal-konvenuti. Il-hajt in effetti ma nbeniex fl-interess tal-konvenuti billi dawn bil-hajt jew minghajru ma ggwadanjaw xejn, izda l-istess hajt inbena specifikatament biex l-access ghal fuq il-bejt tal-bitha u konsegwentement l-access ghall-proprjeta` ta' l-atturi ssir aktar difficli u jkun hemm aktar sigurta`. F'dan il-kuntest, ighidu l-atturi appellanti, kellu jitqies il-pussess taghhom tal-hajt in kwistjoni.

Tenut kont tas-sitwazzjoni kif avverat ruhha, din il-Qorti tikkondividi s-sottomissjonijiet fir-rikors ta' l-appell tal-atturi billi tirritjeni li gialadarba l-hajt in kwistjoni ttella fl-interess ta' l-atturi dawn l-istess atturi kellhom kull dritt li jaraw li dik is-sigurta` provduta bl-inalzament tal-istess hajt tibqa'

hemm u f'dan is-sens l-atturi kellhom dritt possessorju fuq l-istess hajt – liema dritt huwa tutelabbli bil-proceduri istitwiti u minn liema dritt l-atturi gew zvestiti bl-agir tal-konvenuti meta nehhew l-istess hajt u b'hekk regghu esponew lill-atturi ghall-perikolu li kien twarrab bl-inalzament tal-hajt.  Lanqas ma jirrizulta, kif jallega l-konvenut, li l-imsemmi hajt tnehha fuq talba ta' l-atturi.  Li kien qed isir kien tentattiv bejn il-periti reciproci biex tinstab soluzzjoni ghall-ilma li kien jibqa' fuq dan il-bejt u mhux id-demolizzjoni tal-hajt.

**Decide**

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti qeghda tilqa' l-appell tal-atturi u konsegwentement filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara li bid-demolizzjoni tal-hajt kostruwit originarjament mill-konvenuti gie kommess spoll fil-konfront ta' l-atturi u ghalhekk tordna lill-istess konvenuti jergghu jibnu l-imsemmi hajt fl-istat originali tieghu taht id-direzzjoni tal-Perit David Pace li qed jinhatar ghal dan il-ghan u dan fi zmien tlett xhur mil-lum; u fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi jaghmlu l-imsemmija xoghlijiet a spejjez tal-konvenuti u dejjem taht id-direzzjoni tal-Perit David Pace.

L-ispejjez fic-cirkostanzi, kemm dawk tal-prim istanza kif ukoll ta' dan l-appell u dawk konnessi mal-hatra u l-inkarigu tal-Perit David Pace li qed jinhatar f'din is-sentenza, ghandhom jkunu a kariku tal-konvenuti solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------